



Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2017/2130(INI)

2.8.2017

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill, lill-Kummissjoni
u lis-SEAE dwar is-Sħubija tal-Lvant, fit-tħejjija għas-Summit ta'
Novembru 2017
(2017/2130(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteurs: Laima Liucija Andrikiene, Knut Fleckenstein

WERREJ

Pàgna

ABBOZZ TA' RAKKOMANDEZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

ABBOZZ TA' RAKKOMANDEZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lis-SEAE dwar is-Sħubija tal-Lvant, fit-tħejjija għas-Summit ta' Novembru 2017 (2017/2130(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3 u 8 u t-Titolu V, b'mod partikolari l-Artikoli 21, 22, 36 u 37 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), kif ukoll il-Parti Ħamsa tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
- wara li kkunsidra t-tneđija tas-Sħubija tal-Lvant fi Praga fis-7 ta' Mejju 2009 bħala sforz komuni tal-UE u s-sħab tal-Lvant tagħha l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Belarużsja, il-Georgia, il-Moldova u l-Ukrajna,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjonijiet Konġunti tas-Summits dwar is-Sħubija tal-Lvant tal-2011 f'Varsavja, tal-2013 f'Vilnius u tal-2015 f'Riga,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-mexxejja ta' 27 Stat Membru u tal-Kunsill Ewropew, tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea adottata f'Ruma fil-25 ta' Marzu 2017,
- wara li kkunsidra rakkomandazzjonijiet minn u l-attivitajiet tal-Assemblea Parlamentari Euronest, tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili tas-Sħubija tal-Lvant, u tal-Kumitat tar-Reġjuni u l-Konferenza tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali għas-Sħubija tal-Lvant (CORLEAP),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) dwar il-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV), b'mod partikolari r-rapport tal-2017 dwar l-implimentazzjoni tar-rieżami tal-PEV (JOIN(2017)18) u d-dokument ta' ħidma rivedut tal-2017, bit-titolu "Is-Sħubija tal-Lvant — 20 riżultat għall-2020: Enfasi fuq il-prijoritajiet ewlenin u r-riżultati tanġibbli" (SWD(2017)0300), kif ukoll il-Komunikazzjoni tal-2016 dwar l-"Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea",
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Barranin dwar il-PEV u s-Sħubija tal-Lvant,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu, b'mod partikolari dawk tal-5 ta' Lulju 2017 dwar it-72 Sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti¹, tal-15 ta' Ġunju 2017 dwar il-każ ta' Afgan Mukhtarli u s-sitwazzjoni tal-midja fl-Ażerbajġan², tas-6 ta' April 2017³ u tal-24 ta' Novembru 2016⁴ dwar is-sitwazzjoni fil-Belarużsja, tas-16 ta' Marzu 2017 dwar il-prijoritajiet tal-UE għas-sessjonijiet tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU fl-2017⁵, tat-13 ta' Diċembru 2016 dwar id-drittijiet tan-nisa fl-Istati

¹ Testi adottati, P8_TA(2017)0304.

² Testi adottati, P8_TA(2017)0267.

³ Testi adottati, P8_TA(2017)0126.

⁴ Testi adottati, P8_TA(2016)0456.

⁵ Testi adottati, P8_TA(2017)0089.

tas-Sħubija tal-Lvant¹, tal-21 ta' Jannar 2016 dwar il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni/iż-Żoni ta' Kummerċ Ħieles Approfonditi u Komprensivi mal-Georgia, il-Moldova u l-Ukrajna² u tad-9 ta' Lulju 2015 dwar ir-rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat³,

- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlamenti tal-Georgia, il-Moldova u l-Ukrajna tat-3 ta' Lulju 2017,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 113 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A8-0000/2017),
- A. billi s-Sħubija tal-Lvant hija bbażata fuq impenn kondiviż bejn l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Belarusja, il-Georgia, il-Moldova, l-Ukrajna u l-Unjoni Ewropea għad-dritt internazzjonali u l-valuri fundamentali, inklużi d-demokrazija, l-istat tad-dritt, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali u l-ugwaljanza bejn is-sessi, kif ukoll l-ekonomija tas-suq, l-iżvilupp sostenibbli u l-governanza tajba;
- B. billi s-Sħubija tal-Lvant tfittex li tilħaq l-għanijiet komuni tal-promossjoni tal-istabilità, il-bini ta' fiduċja u l-kooperazzjoni, l-appoġġ għal riformi demokratiċi, ir-relazzjonijiet tajba mal-viċinat u l-kooperazzjoni reġjonali, it-titjib tal-kuntatti bejn in-nies u l-għoti ta' spinta lill-opportunitajiet ta' kummerċ, sabiex jiżdiedu d-djalogu politiku u l-assoċjazzjoni kif ukoll il-kooperazzjoni ekonomika u l-integrazzjoni;
- C. billi permezz tal-Istrateġija Globali u, permezz tal-PEV riveduta tagħha, l-UE tfittex li ġġib is-sħab tagħha eqreb permezz ta' assoċjazzjoni politika u integrazzjoni ekonomika aċċellerati mal-UE, waqt li fl-istess ħin għandha l-għan li tippromwovi tal-istabbilizzazzjoni politika, ir-reżiljenza tas-soċjetà u l-prosperità ekonomika fil-viċinat tagħha, u toffri opportunitajiet għal relazzjonijiet ekonomiċi u politiċi privileġġati skont il-livell ta' ambizzjoni ta' kull pajjiż sieħeb;
- D. billi, minħabba li l-UE tqis il-kooperazzjoni bħala valur fiha nnifisha u temmen bis-sħiħ li din twassal għal sitwazzjonijiet ta' benefiċċju reċiproku għall-partijiet kollha kkonċernati, hemm impenn min-naħa tal-UE biex tkompli taħdem mal-pajjiżi kollha tas-Sħubija tal-Lvant minkejja l-għażliet strateġiċi tagħhom;
- E. billi l-parteċipanti fis-Summit ta' Riga fl-2015 talbu li jsir progress sas-Summit li jmiss fl-oqsma ta': (1) it-tisħiħ tal-istituzzjonijiet u l-governanza tajba, (2) il-mobilità u l-kuntatti bejn il-persuni, (3) l-iżvilupp ekonomiku u l-opportunitajiet tas-suq, u (4) il-konnettività, l-effiċjenza tal-enerġija, l-ambjent u t-tibdil fil-klima;
- F. billi sar progress sinifikanti mill-aħħar Summit, partikolarment bil-konklużjoni u d-dħul fis-seħħ ta' tliet Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni inkluża Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondit u Komprensiv (DCFTA) mal-Georgia, il-Moldova u l-Ukrajna, kif ukoll reġimi mingħajr viża mal-Georgia u l-Ukrajna mill-2017 (u mal-Moldova mill-2014), il-konklużjoni ta' negozjati dwar Ftehim ta' Sħubija Imtejba u Komprensiva mal-Armenja, it-tnedija ta' negozjati dwar ftehim komprensiv ġdid mal-Ażerbajġan, u l-adozzjoni ta' riformi kbar

¹ Testi adottati, P8_TA(2016)0487.

² Testi adottati, P8_TA(2016)0018.

³ Testi adottati, P8_TA(2015)0272.

f'għadd minn dawn il-pajjiżi bl-appoġġ politiku, tekniku u finanzjarju tal-Unjoni Ewropea;

- G. billi żieda fil-mobilità bejn il-pajjiżi sħab u l-UE tibqa' strument indispensabbli għall-promozzjoni tal-valuri Ewropej;
- H. billi pjan ġdid ta' ħidma strateġika propost mill-Kummissjoni Ewropea u s-SEAE li jgħaqqad flimkien il-kooperazzjoni bilaterali u dik reġjonali għandu l-għan li jiggwida l-ħidma futura mill-UE u s-sitt pajjiżi sħab billi jiffoka fuq għoxrin riżultat sal-2020;
- I. billi l-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tas-sħab tal-Lvant tal-UE għadhom mhedda minn kunflitti reġjonali mhux solvuti, inklużi wħud li huma sostnuti mill-Federazzjoni Russa f'kontradizzjoni mal-impenji internazzjonali tagħha li tiddefendi l-ordni ġuridiku internazzjonali;
- J. billi l-politika tas-Sħubija tal-Lvant hija bbażata fuq id-dritt sovrani ta' kull imsieħeb li jagħżel il-livell ta' ambizzjoni u l-miri li jaspira għalihom fir-relazzjonijiet tiegħu mal-UE;
- 1. Jirakkomanda dan li ġej lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna:

Il-futur tas-Sħubija tal-Lvant

- (a) li jiġi żgurat li r-riżultati tas-Summit ta' Novembru 2017 ser, bħala l-ewwel prijorità, jipprovdu l-bażi għad-difiża tal-**valuri ċentrali** tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari r-rispett tad-demokrazija, il-libertajiet fundamentali, id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u n-nondiskriminazzjoni, li fuqhom hija bbażata s-Sħubija tal-Lvant, filwaqt li jenfasizza li dawn il-valuri jinsabu fil-qalba tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni u b'rikonoxximent tal-impenji tas-sħab ikkonċernati biex jimplementaw u jipromwovu dawn il-valuri;
- (b) li jiġu ssodisfati l-aspettattivi għolja taċ-ċittadini fil-pajjiżi sħab kollha rigward il-qerda tal-korruzzjoni u t-tiżiħ tal-istat tad-dritt u l-governanza tajba; li jfittxu għalhekk l-impenn imġedded tas-sħab biex jadottaw u jimplementaw b'mod sħiħ ir-riformi relatati mal-ġudikatura, l-amministrazzjoni pubblika u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni;
- (c) li tissaħħaħ is-soċjetà ċivili fil-pajjiżi sħab u r-rwol tagħha fi ħdan is-Sħubija tal-Lvant billi topponi mingħajr compromessi kull tip ta' leġislazzjoni li tfittex li tnaqqas l-attivitajiet leġittimi tagħha u billi jitħeġġeġ l-involvement aktar profond tagħha fl-iskrutinju u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' riformi marbuta mas-Sħubija kif ukoll bil-promozzjoni tat-trasparenza u r-responsabilità tal-istituzzjonijiet pubbliċi;
- (d) li jiġu inkoraġġuti r-riformi elettorali li jkunu konformi ma' standards internazzjonali, li jimplementaw ir-rakkomandazzjonijiet minn missjonijiet ta' osservazzjoni internazzjonali mmexxija mill-OSKE u l-opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja u li huma s-suġġett ta' konsultazzjoni wiesgħa u, sa fejn ikun possibbli, kunsens mal-oppożizzjoni u s-soċjetà ċivili, sabiex jittejbu l-oqfsa

elettorali mingħajr l-ebda preġudizzju lejn il-partiti fil-gvern;

- (e) li jiġi żgurat li l-eżitu tas-Summit ta' Novembru 2017 ser jipprovdi **riżultati tanġibbli** għaċ-ċittadini, notevolment f'termini ta' impjiegi, trasport u konnettività, l-indipendenza tal-enerġija, il-mobilità u l-edukazzjoni, filwaqt li tittieħed nota tal-fatt li Pjan ġdid ta' Investment Estern Ewropew (PIE) huwa strument importanti f'dan ir-rigward;
- (f) li jitolbu lill-Kummissjoni flimkien mal-Bank Ewropew tal-Investment biex jipproponi arranġamenti għall-implimentazzjoni ta' Pjan ta' Investment Ewropew ġdid għall-Ukrajna u pajjiżi oħra tas-Sħubija tal-Lvant li għamli l-akbar progress fuq riformi lejn integrazzjoni ekonomika u politika gradwali tal-Unjoni Ewropea, billi tiżdied il-kapaċità ta' self tal-Bank Ewropew tal-Investment mil-livelli tal-EaP attwali ta' EUR 1.6 biljun fis-sena u billi jitqiesu d-dispożizzjonijiet tal-PIE fit-twettiq tal-mandat tiegħu ta' investment; li jitolbu, bħala l-ewwel pass f'dan ir-rigward, l-istabbiliment ta' tieqa ta' investment separat fil-forma ta' fond fiduċjarju għall-Ukrajna bbażat fuq l-aħjar prattiki ta' strumenti b'diversi donaturi, filwaqt li jisħaq li dan il-fond fiduċjarju jenħtieġ li jiffoka fuq investimenti privati u pubbliċi, b'mod partikolari fuq l-infrastruttura soċjali u ekonomika u dawk immirati biex isaħħu l-kapaċità ta' assorbiment ta' investment, u fuq il-koordinazzjoni ta' IFIs u l-appoġġ ta' donaturi internazzjonali għall-appoġġ fil-post;
- (g) li jitkoplew l-isforzi mmirati lejn l-indirizzar tal-qgħad, speċjalment il-qgħad fost iż-żgħażaġh, inkluż permezz ta' pakkett ta' miżuri ta' appoġġ għaż-żgħażaġh bħall-programm EU4Youth, u l-iżvilupp tal-ħiliet meħtieġa fis-suq tax-xogħol, inkluż permezz ta' taħriġ vokazzjonali, it-tkattir tal-intraprenditorija, l-appoġġ għall-agrikoltura sostenibbli u l-iżvilupp tal-ekonomija diġitali;
- (h) li jiġu żgurati l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-politiki pubbliċi u l-appoġġ għall-impjegabilità u l-intraprenditorija tan-nisa, bil-garanzija tal-kontinwità ta' politika lil hinn mid-data fil-mira tal-2020;
- (i) li jimpenjaw ruħhom biex jaħdmu flimkien fuq mobilità akbar bejn l-UE u l-pajjiżi sħab; li jappoġġaw lill-Moldova, il-Georgia u l-Ukrajna fl-implimentazzjoni tal-ftehim ta' liberalizzazzjoni tal-viża u biex jiġi żgurat li mekkaniżmi ta' sospensjoni ma jiġux xprunati fil-futur, partikolarment permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib fl-oqsma tal-pulizija u tad-dwana sabiex issir salvagwardja tat-theddid għas-sigurtà, il-kriminalità u l-qbiż tas-soġġorn awtorizzat; li jinfetħu djalogi dwar il-viża mal-Armenja, li jiġi inkoraġġit il-progress mill-Ażerbajġan fl-implimentazzjoni tal-Ftehimiet għall-Faċilitazzjoni tal-Viża u ta' Riammissjoni (VFA/RA) bil-ħsieb li jinfetħu djalogi dwar il-viża fil-ġejjieni, u biex jiġu ffinalizzati n-negożjati tal-VFA/RA mal-Belarużsja għall-benefiċċju taċ-ċittadini tagħha, jekk dawn il-pajjiżi jagħmlu progress sinifikanti fil-qasam tal-valuri fundamentali u jissodisfaw il-kondizzjonijiet preċiżi definiti fi pjanijiet direzzjonali dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża;
- (j) li sabiex jiżdiedu aktar opportunitajiet għal kooperazzjoni aktar mill-qrib fl-oqsma tal-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni, notevolment permezz ta' programmi bħal Erasmus+ u EU4Innovation kif ukoll l-ġhoti ta' garanziji ta' self mill-Grupp

tal-Bank Ewropew tal-Investment bħala parti mill-programm InnovFin tiegħu;

- (k) li jiġi żgurat li r-riżultati tas-Summit ta' Novembru 2017 jipprovdu wkoll impetu mġedded sabiex jiġu stimolati l-opportunitajiet ta' **tkabbir ekonomiku sostenibbli, kummerċ u investment**, inklużi l-opportunitajiet intrareġjonali u b'enfasi partikolari fuq l-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju (SMEs);
- (l) li jitolbu appoġġ tal-UE kalibrat mill-ġdid għall-aġendi ta' Assoċjazzjoni u r-riformi strutturali relatati, b'mod partikolari dawk li jippermettu titjib fil-kompetittività, ambjent tan-negozju iktar favorevoli u aċċess adegwat għas-sorsi ta' finanzjament, inkluż permezz tal-inizjattiva EU4business;
- (m) li jappoġġaw l-iżvilupp tal-infrastruttura tat-trasport u l-konnettività meħtieġa, inkluż permezz ta' pjan ta' investment ambizzjuż għan-netwerk ewlieni tat-TEN-T, u anke sabiex jipromwovu l-kummerċ intrareġjonali;
- (n) li jitjiebu kemm l-indipendenza u l-effiċjenza fl-enerġija permezz ta' investimenti speċifiċi, kooperazzjoni msaħħa fl-oqsma prijoritarji kollha koperti mill-Unjoni tal-Enerġija tal-UE u permezz ta' integrazzjoni eqreb tas-swieq tal-enerġija tas-sħab mas-suq Ewropew tal-enerġija b'enfasi partikolari fuq l-interkonnettività u l-infrastruttura, filwaqt li jiġu skrutinizzati mill-qrib il-konsegwenzi tal-pipeline Nord Stream 2;
- (o) li tiżdied ukoll il-prijoritizzazzjoni tal-oġhla livelli ta' standards ta' sikurezza nukleari u l-protezzjoni ambjentali u t-twettiq tal-impenji tat-tibdil fil-klima, inkluż permezz tas-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku;
- (p) li jiġi żgurat li r-riżultati tas-Summit ta' Novembru 2017 jindirizzaw ukoll, fejn possibbli, it-theddid għas-**sigurtà** li jaffettwa s-sovranià, l-unità, l-integrità territorjali u l-iżvilupp politiku, soċjali u ekonomiku tas-sħab u tar-reġjun kollu kemm hu;
- (q) li jimpenjaw ruħhom biex isostnu l-għaqda fost l-Istati Membri tal-UE f'azzjoni kollettiva biex iżommu l-pressjoni fuq ir-Russja, b'mod partikolari permezz ta' tisħiħ ta' miżuri restrittivi mmirati, li tinstab soluzzjoni għall-kunflitt fl-Ukrajna permezz ta' l-implimentazzjoni ġenwina tal-ftehimiet ta' Minsk, li terġa' tiġi stabbilita s-sovranià sħiħa tal-Ukrajna fil-Krimea, u dik tal-Georgia fl-Ossezja tan-Nofsinhar u fl-Abkażja u tal-Moldova fit-Transnistrija, u li jintemm t-theddid addizzjonali ta' qtil immirat sponsorjat mill-istat, attakki ċibernetiċi, diżinformazzjoni u tipi oħra ta' destabilizzazzjoni;
- (r) li jsejġu għal waqfien immedjat tal-ostilitajiet militari bejn l-Armenja u l-Ażerbajġan, li għall-mewt mhux meħtieġa ta' persuni ċivili u suldati filwaqt li jxekklu l-iżvilupp soċjoekonomiku; jafferma mill-ġdid l-appoġġ għall-indipendenza, is-sovranià u l-integrità territorjali taż-żewġ pajjiżi kif ukoll l-isforzi tal-Kopresidenti tal-Grupp ta' Minsk tal-OSKE biex jiġi solvut il-kunflitt tan-Nagorno-Karabakh u l-Prinċipji Bażiċi ta' tagħhom tal-2009; li jistiednu lill-Armenja u lill-Ażerbajġan biex jergħu jniedu n-negozjati in bona fede bl-għan li jimplementaw dawn il-prinċipji biex jissolva l-kunflitt; li jirratifikaw ftehimiet ġodda bejn l-UE u kull waħda mill-partijiet kondizzjonali abbażi ta' impenji serji

biex tinstab soluzzjoni għall-konflitt permezz taż-żamma tal-waqfien mill-għied u l-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-Prinċipji Bażiċi tal-2009;

- (s) li jappellaw għal appoġġ kontinwu għall-ħidma mwettqa mill-missjonijiet tal-UE u l-OSKE fil-Georgia, il-Moldova u l-Ukrajna bħala operazzjonijiet essenzjali fl-iżguraw tal-paċi u s-sigurtà, l-ewwel u qabel kollox, għall-benefiċċju taċ-ċittadini fuq il-post; li jirriflettu, b'mod konġunt mal-pajjiżi sħab, dwar il-prospett ta' rwol imsaħħaħ għall-UE f'termini li tinstab soluzzjoni għal dawn il-kunflitti, inkluż billi jitniedu missjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) ambizzjużi u żviluppanti bil-kompitu li jtejbu s-sigurtà u l-istabilità;
- (t) li jkun ikkunsidrat **mudell 'SL+'** attraenti għall-pajjiżi assoċjati, abbażi tal-ogħla denominatur komuni possibbli, li jkun jinkludi s-sħubija fl-unjoni doganali u fiż-żona Schengen, aktar aċċess għas-suq intern tal-UE, il-parteciċipazzjoni fi programmi oħra tal-UE, l-involviment akbar fil-PSDK, kif ukoll aktar miżuri immedjati bħal preferenzi tariffarji unilaterali addizzjonali, l-abolizzjoni tat-tariffi tar-roaming bejn is-sħab u l-UE u l-iżvilupp ta' broadband b'kapaċità għolja; li jinfetħ mudell 'SL+' għal pajjiżi oħra tal-SL ladarba jkunu lesti għal tali impenji mtejba;
- (u) biex jiġu kkunsidrati, għal pajjiżi mhux assoċjati, mezzi ġodda ta' appoġġ għas-soċjetà ċivili, il-komunitajiet tal-midja akkademika u indipendenti u ż-żgħażaġh, inkluż permezz ta' finanzjament addizzjonali u sħubijiet ta' mobilità;
- (v) biex jiżguraw li, fiż-żewġ każijiet, l-għanijiet komuni huma kemm fuq perjodu medju u fit-tul meta meħtieġ, li jinkoraġġixxu lil xi wħud mill-pajjiżi sħab biex imorru lil hinn mil-loġika ta' ċikli elettorali lejn viżjonijiet strateġiċi;

L-implimentazzjoni tas-Sħubija tal-Lvant

- (w) li jtennu **l-prinċipju tad-divrenzjar** u li l-kamp ta' applikazzjoni u l-profondità tal-kooperazzjoni mal-Unjoni Ewropea huma determinati mill-ambizzjonijiet tal-UE u daww tas-sħab, kif ukoll ir-ritmu u l-kwalità tar-riformi;
- (x) li jenfasizzaw li s-Sħubija tal-Lvant għandha l-għan li toħloq il-kundizzjonijiet meħtieġa għal assoċjazzjoni politika mill-qrib u integrazzjoni ekonomika, inkluża l-parteciċipazzjoni fil-programmi tal-UE; jindika li, skont l-Artikolu 49 tat-TUE, kwalunkwe Stat Ewropew jista' japplika biex isir membru tal-Unjoni Ewropea, dment li jaderixxi mal-kriterji ta' Kopenhagen u l-prinċipji tad-demokrazija, u li jirrispetta l-libertajiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem u daww tal-minoranzi u li jiżgura l-istat tad-dritt;
- (y) li jistiednu lill-Georgia, lill-Moldova u lill-Ukrajna biex jiffokaw fuq **l-implimentazzjoni tal-aġendi ta' Assoċjazzjoni** sabiex jisfruttaw l-opportunitajiet kollha disponibbli permezz tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni, filwaqt li jimpenjaw ruħhom ukoll fid-diskussjonijiet konġunti dwar il-progress, l-opportunitajiet u l-isfidi relatati ma' riformi marbuta ma' AA/DCFTA; itenni l-importanza ta' implimentazzjoni ġenwina tar-riformi msemmija hawn fuq għall-istabilità futura u l-iżvilupp tal-pajjiżi u l-benesseri tas-soċjetajiet tagħhom; li jafferaw mill-ġdid li l-prospettiva ta' sħubija fl-UE tirrikjedi progress sinifikanti f'termini tal-

implimentazzjoni ta' dawn ir-riformi, speċjalment fir-rigward tal-istat tad-dritt, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-governanza tajba;

- (z) biex jiġi żgurat li **kundizzjonalità** stretta hija dejjem marbuta ma' livelli attwali u ulterjuri ta' kooperazzjoni u appoġġ għas-sħab, u li tiġi rrispettata wkoll; li jiġi enfasizzat li l-appoġġ finanzjarju tal-UE lis-sħab tagħha se jkun jiddependi fuq passi konkreti ta' riforma, u li l-approċċ ibbażat fuq l-inċentivi tal-UE se jkompli jibbenefika lil dawk is-sħab l-iktar involuti f'riformi ambizzjużi; li jiġi enfasizzat b'mod partikolari li l-ebda ftehim komprensiv se jiġi ratifikat ma' pajjiż li jikser sew il-valuri tal-UE, notevolment permezz ta' nuqqas ta' implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-KEDB; li jenfasizzaw ukoll il-ħtieġa li punti ta' riferiment ċari jridu jintlaħqu qabel ma jinbeda u jiġi konkluż kull djalogu ġdid dwar reġimi mingħajr viża; li jtennu li r-rigress fuq kisbiet preċedenti b'mod sistematiku se jwassal għas-sospensjoni ta' ftehimiet, inkluż fil-qasam ta' reġimi mingħajr viża u l-finanzjament tal-UE;
- (aa) li jappoġġjaw **id-dimensjoni multilaterali** tas-Sħubija tal-Lvant bħala mezz ta' aktar fiduċja multilaterali, bil-ħolqien ta' opportunitajiet għal kooperazzjoni reġjonali u l-għoti ta' valur miżjud addizzjonali, inkluż fil-politiki settorjali;
- (ab) li jenfasizzaw l-importanza ta' **komunikazzjoni ta' politiki** relatati mas-Sħubija tal-Lvant b'mod koerenti effikaċi, kemm internament kif ukoll esternament, u li jiġu pprovduti attivitajiet ta' komunikazzjoni mfassla għal reġjuni speċifiċi; li tiġi indirizzata l-isfida ta' informazzjoni aħjar dwar il-benefiċċji konkreti u l-għanijiet tas-Sħubija tal-Lvant, kif ukoll tiddaħħal fil-mira d-diżinformazzjoni permezz ta' informazzjoni ta' kwalità msejsa fuq il-fatti u aċċessibbli bil-lingwi kollha tal-pajjiżi sħab u li jiġi żgurat ir-rispett sħiħ għal-libertà tal-espressjoni;
- (ac) li jiġi sostnut li **l-appoġġ tal-UE** għandu jkun imfassal apposta biex jilħaq il-livell ta' ambizzjoni komuni rigward il-kooperazzjoni ma' kull sieħeb skont il-prinċipji ta' "aktar għal aktar" u "anqas għal anqas"; li ssir talba b'mod partikolari biex l-UE tallinja l-istrumenti baġitarji bħalma huma l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli ma' ambizzjonijiet politiċi b'mod partikolari fi ħdan il-proċeduri baġitarji annwali u pluriennali tagħha;
- (ad) li jintlaqgħu l-proposti tal-Kummissjoni biex is-sħab jiġu pprovduti b'assistenza makrofinanzjarja, filwaqt li ssir insistenza fuq kundizzjonalità stretta u effettiva meħmuża mal-proposti, notevolment f'termini tar-rispett għall-istat tad-dritt (inkluża ġudikatura indipendenti), l-iżgurar ta' governanza tajba (inkluża l-ġlieda kontra l-korruzzjoni b'mod effettiv) u d-difiża tad-drittijiet tal-bniedem; li l-Kummissjoni tintalab tagħmel provvista sistematika għal din il-kundizzjonalità fi proposti futuri għal tali assistenza; li l-Parlament u l-Kunsill jingħataw rapport bil-miktub dettaljat kull sitt xhur dwar il-progress li jkun sar f'dawn it-tliet oqsma għal sħab li diġà jibbenefikaw minn tali assistenza;
- (ae) li jtenni l-appoġġ qawwi tiegħu għal **kontribut u skrutinju parlamentari** tal-politika tas-Sħubija tal-Lvant; f'dan ir-rigward, li jittejjeb ir-rwol tal-Assemblea Parlamentari Euronest fi ħdan l-arkitettura ġdida multilaterali tas-Sħubija tal-Lvant, kif ukoll tal-Kumitati ta' Assoċjazzjoni jew ta' Kooperazzjoni Parlamentari (PAC/PCC) fi ħdan il-Kunsilli ta' Assoċjazzjoni jew Kooperazzjoni; li jintlaqgħu

l-programmi ta' Approċċ Komprensiv ta' Appoġġ għad-Demokrazija (CDSA) li qed jiġu implimentati; li jiġu mistiedna membri parlamentari mill-pajjiżi sħab biex jaħdmu flimkien biex jiskrutinizzaw l-implimentazzjoni u jiskambjaw l-aħjar prattiki;

- (af) li tittieħed nota tar-riżoluzzjoni tal-Parlament biex iżid il-monitoraġġ tiegħu tal-implimentazzjoni ta' ftehimiet internazzjonali mas-sħab tal-lvant u biex jiżdied l-iskrutinju tiegħu ta' appoġġ tal-UE f'dan ir-rigward; li ssir reazzjoni għat-talba tal-Parlament lis-sħab u lill-Kummissjoni biex iżidu t-trasparenza tal-benefiċjarji kollha ta' finanzjament tal-UE; li l-Kummissjoni u s-SEAE jintalbu jibagħtu rapport dettaljat bil-miktub dwar l-implimentazzjoni ta' dawn il-ftehimiet kull sitt xhur lill-Parlament u lill-Kunsill;
 - (ag) li tittieħed nota tar-riżoluzzjoni tal-Parlament li jżid l-iskrutinju tiegħu tan-negozjati ta' ftehimiet internazzjonali futuri mas-sħab tal-lvant; li jsir appell lill-Kunsill biex mingħajr dewmien jipprovi lill-Parlament bl-informazzjoni ta' negozjar kollha rilevanti f'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali rilevanti (2014/C 95/01); li tintlaqa' l-kooperazzjoni tajba mill-Kummissjoni u s-SEAE mal-Parlament fl-għoti ta' informazzjoni dwar dawn in-negozjati, iżda li jintalbu jipprovdu wkoll, mingħajr dewmien, l-abbozz ta' testi ta' negozjati u ftehimiet inizjalati, f'konformità mal-Ftehim Qafas rilevanti (2010/L 304/47);
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-rakkomandazzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni Ewropea, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u, għal skopijiet ta' informazzjoni, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għall-Kawkasu tan-Nofsinhar u l-kriżi fil-Georgia, lill-Assemblea Parlamentari tal-OSKE, lill-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant.